MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 987/2002

**Anna Farrugia**

**vs**

**Emanuel k/a Noel Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fis-27 ta' Settembru 1987, mill-liema zwieg huma ghandhom zewgt itfal Dayna ta' erbatax-il sena (14) u Darshan ta' ghaxar (10) snin.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

U illi l-kunens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U illi, ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat li l-konvenut minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza baqa' ma pprezenta l-ebda nota t'eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2003 fejn Dr. Anthony Ellul ghall-attrici ta ruhu b'notifikat bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza. Inghata digriet affidavit attrici b'terminu ta' hamsin (50) gurnata.

Rat in-nota tal-konvenut datata 12 ta' Marzu 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota tal-attrici datata 21 ta' Marzu 2003 li biha pprezentat l-affidavit taghha u dak ta' Grace Bajaoui.

Rat il-verbal tal-1 t'April 2003 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 27 ta' Novembru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Anna Farrugia** permezz tal-procedura tal-affidavit sostniet illi:-

*"Fis-27 ta' Settembru 1987 jiena zzewwigt lil Noel Farrugia. Minn dan iz-zwieg kellna zewgt itfal Dayna li llum ghandha erbatax-il sena (14), u Darshan li llum ghandu ghaxar (10) snin.*

*Jiena bdejt nohrog ma' Noel meta kelli erbatax-il sena. Hu kien sentejn aktar minni. Ahna bdejna ninnamraw mill-ewwel u fil-fatt wara ftit gimghat li bdejna nohorgu flimkien Noel beda jidhol id-dar tal-genituri tieghi. Il-genituri tieghi lil Noel kienu jhobbuh ferm, anke peress li l-unika tifel taghhom spicca msiefer. Mal-genituri tieghi Noel kien imfissed ferm u l-attenzjoni li ma setghax jinghata fil-familja tieghu minhabba l-hafna tfal li kienu, kien qed jirciviha minghand il-familja tieghi.*

*Min-naha l-ohra l-genituri ta' Noel ma xtaquhx johrog mieghi. Ir-raguni primarja kienet minhabba l-politika, peress li ahna konna nissapportjaw zewg partiti differenti. Mhux biss, izda kien hemm tfajla li kienet tigi minnhom mill-boghod u lil Noel ppretendewh li ghandu johrog maghha. Noel ma riedx johrog ma' din it-tfajla izda xtaq jibqa' johrog mieghi.*

*Naf li din it-tfajla meta saret taf li Noel qed johrog mieghi qabadha 'breakdown' u jien stess kont mort inkellimha biex nara jekk Noel qattx ghamlilha xi haga. Hi stqarret mieghi li qatt ma kienet harget ma' Noel, izda peress li l-familjari taghhom dejjem ippretendewhom li kellhom johorgu flimkien, hi spiccat iffissat f'Noel.*

*Minkejja li Noel kien determinat li jibqa' johrog mieghi, il-familja tieghu xorta baqghu jaghmlulu hajtu nfern biex jitlaqni. Il-ftit drabi li jien mort ghand il-genituri ta' Noel kont ninnota li d-dar taghhom kien hemm ritratti ta' kulhadd, inkluz ta' din it-tfajla li semmejt, izda ma kienx hemm ritratt tieghi.*

*Minhabba f'hekk meta Noel ghalaq tmintax-il sena huwa telaq mid-dat tal-genituri tieghu u mar ighix f'appartament li pprovdewlu ommi u missieri. Hu kien jiekol ghandna kuljum u jqatta' l-hin tieghu ghand il-familja tieghi. Ommi u missieri spiccaw bdew irabbuh huma lil Noel u hu baqa' zmien twil iqishom bhala l-genituri tieghu.*

*Ghalkemm jiena u Noel konna ghadna tfal, u fil-fatt il-hrug taghna kien fil-bandli tal-Imsida, ahna ddecidejna li nizzewgu. Nispjega li din id-decizjoni konna hadniha peress li ahna konna nahdmu flimkien u ghalhekk inqattghu l-gurnata kollha flimkien, pero' mbaghad Noel kien ikollu jitlaq ghal rasu biex jorqod Marsaxlokk. Dak iz-zmien hsibna li biz-zwieg konna ser nevitaw l-iskarigg li Noel joqghod jivjagga bejn id-dar tal-genituri tieghi u Marsaxlokk. Il-familja ta' Noel baqghu joggezzjonaw ghaz-zwieg taghna tant li omm Noel lanqas biss giet ghat-tieg. Missier Noel u tnejn mit-tmien ahwa li ghandu kienu attendew b'ispett tieghu u mhux ghax rieduh jizzewwigni.*

*Malli zzewwigna jiena hrigt tqila bit-tifla Dayna, u ghalhekk jiena u Noel lanqas biss kellna cans li ngawdu ftit lil xulxin. Jiena kkoncentrajt mal-ewwel fuq it-tifla aktar milli fuq ir-ragel. Meta t-tifla bdiet titfarfar jiena ergajt hrigt tqila bit-tifel u ghalhekk l-attenzjoni tieghi daret fuq it-tifel. It-tifel twieled bil-katarretti u fil-fatt wara ftit zmien tilef id-dawl minn ghajn wahda. Ghalhekk jiena ttraskurajt kompletament il-bzonnijiet ta' zewgi biex niehu hsieb lit-tifel.*

*Wara xi hames snin jiena ndunajt li Noel ghalija kien sar persuna barranija. Ahna qattajna l-hin kollu li kellna flimkien meta konna ghadna gharajjes u f'dak il-perjodu konna qisna tfal zghar qed jilghabu xi loghba li tissejjah*

*zwieg. Pero' meta twieldu t-tfal, in partikolari t-tifel, jiena ndunajt li din ma kenitx loghba u spiccajna kbirna f'daqqa. Hemmhekk irrealizzajt li lil Noel jiena ma kontx nafu, kont naf tifel li kien jismu Noel, izda r-ragel tieghi ma kienx l-istess tifel li kont naf.*

*Kien ghalhekk li jien u Noel iddecidejna li nisseparaw, anke peress li Noel kien qed ihossu li qisu m'ghandux mara, izda qisu ghandu ohtu. Dan kien xi hames snin ilu. Mhux biss izda meta tkellimna fit-tul indunajna li ahna zzewwigna minhabba l-pika li kienet qamet bejn Noel u l-familja tieghu, u peress li konna drajna lil xulxin bhall-ahwa. Qabel izzewwigna ma qghadniex nahsbu dwar x'ifisser verament zwieg".*

Illi giet pprezentata wkoll ix-xhieda ta' **Grace Bajaoui** li wkoll xehdet permezz tal-affidavitipprezentat b'nota tal-21 ta' Marzu 2003, fejn din sostniet li hija habiba tal-partijiet u kienet taf li l-istess konvenut kien migbud lejn il-familja tal-attrici tant li kien litteralment joqghod ghandhom, u fil-fatt kull darba li kienet izzur l-istess dar taghhom kienet issibu ghandhom. Ikkonfermat li l-familja tal-konvenut kienet opponiet ir-rabta tal-konvenut mal-attrici, tant li dan gieghel lill-konvenut sabiex imur jghix ghar-rasu, u kien dan il-fattur li kien deciziv fid-decizjoni tal-partijiet li jizzewgu ghalkemm kienu tant ta' eta' zghira, u dan sabiex jevitaw l-ivvjagar li l-istess konvenut kellu jaghmel sabiex imur ghall-attrici. Taf ukoll li peress li l-attrici harget tqila mill-ewwel l-attenzjoni kienet kollha fuq dan il-wild, aktar u aktar meta dan sfortunatament kellu problemi medici, u deher car li l-istess kontendenti nqatghu minn xulxin hlief ghat-tfal; ma jidhirx li kienet sorpriza ghaliha meta wara hames (5) snin l-attrici qaltilha li kienu ser jisseparaw ghaliex ghax-xhud dak li qaltilha l-attrici kien minnu, cjoe' li huma kienu zghar wisq meta zzewgu, u kienu qishom ahwa milli konjugi, tant li trabbew flimkien.

Illi min-naha tieghu l-konvenut **Emanuel *sive* Noel Farrugia** fl-affidavit tieghu xehed illi:-

*“Jiena zzewwigt lil Anna Farrugia fis-27 ta’ Settembru 1987. Miz-zwieg taghna kellna zewgt itfal Dayna li ghandha erbatax-il sena u Darshan li ghandu ghaxar snin.*

*Jiena u Anna bdejna nohorgu flimkien minn mindu jiena kelli sittax-il sena. Anna kienet sentejna izghar minni. Jiena bdejt nidhol id-dar tal-genituri ta’ Anna wara biss ftit gimghat li bdejna nohorgu flimkien. Bla dubju l-genituri taghha kienu jhobbuni hafna u kienu jqisuni bhala t-tifel taghhom. Hu Anna kien emigra ’il barra minn Malta u ghalhekk il-genituri t’Anna hassew in-nuqqas tieghu. Meta jiena dhalt f’hajjithom huma bdew jittrattawni bhala t-tifel li telqilhom.*

*Jiena da parti tieghi qatt ma kelli din it-tip t’attenzjoni, peress li jiena wiehed minn tmien ahwa.*

*Minkejja li l-familja t’Anna laqghatni tajjeb ferm, il-genituri tieghi qatt ma nizzluha lil Anna u kienu ghamlu minn kollox biex ihassruli. Dan ghaliex huma kienu jafu li Anna u l-familja taghha kienu ta’ kulur politiku differenti minn taghna. Mhux biss izda l-familja tieghi kienu dahhlu f’rashom li jiena kelli nibda nohrog ma’ tfajla li kienet tigi minnha mill-boghod. Jiena xorta pero’ bqajt nohrog m’Anna ghax l-ohra ma kelli l-ebda nteress fiha. Mhux biss, izda ridt nisfidahom lill-familjari tieghi, ghax jiena bdejt nahseb li huma kienu qed jghiru ghalija minhabba l-attenzjoni li kienu qed jaghtuni l-familja t’Anna.*

*Meta raw hekk il-familja tieghi aktar bdiet taghmlilna l-bsaten fir-roti u bdew jaghmlu hajjet Anna nfern.*

*Din is-sitwazzjoni ma flahthiex aktar u malli jien ghalaqt it-tmintax-il sena tlaqt mid-dar u mort nghix go ‘flat’ li kienu pprovdewli l-genituri t’Anna. Jiena kont inqis lill-genituri t’Anna bhala l-genituri tieghi ghax huma kienu jhobbuni u jirrispettawni. Jiena kont sahansitra niekol ghandhom kuljum u kull hin li jkolli kont immur ghandhom. F’dak il-perjodu, u anke wara jiena lanqas biss ma kont inkellimhom lill-familjari tieghi, in partikolari lil ommi u lil wahda minn huti.*

*Qabel izzewwigna jien u Anna konna nahdmu flimkien u ghalhekk konna qed inqattghu l-gurnata kollha flimkien. Pero' mbaghad fil-ghaxija jien kien ikolli ninzel norqod Marsaxlokk. Biex nevitaw dan l-iskarigg u peress li ahna konna drajna lil xulxin sew tant li kont qisni ili nafha lil Anna u l-genituri taghha hajti kollha, u ddecidejna li nizzewgu. Il-genituri tieghi xorta kienu kontra dan iz-zwieg taghna u ommi u l-maggor parti ta' huti lanqas biss gew ghat-tieg. Nammetti li jiena kont dispjacut ghal dan, pero' fl-istess waqt kont kburi li qed naghtihom risposta ghax bihom u minghajrhom xorta kont izzewwigt.*

*Ftit wara li zzewwigna kellna l-ewwel tarbija Dayna u mill-ewwel l-attenzjoni t'Anna daret fuqha kompletament. Wara xi erba' snin kellna t-tieni tarbija. Darshan wara ftit zmien kien tilef id-dawl minn ghajn wahda. Anna kienet il-hin kollu mohhha fih u lili lanqas biss ma kienet taghti kazi.*

*Bdejna nitbieghdu 'l boghod minn xulxin u qisna lanqas biss bqajna ngharfu lil xulxin. Ahna spiccajna qisna zewgt ahwa nghixu taht l-istess saqaf. Lil Anna jien kont inhobbha u nirrispettaha, pero' rrealizzajt li din ma kenitx imhabba bejn ragel u mara, izda kienet aktar imhabba bejn l-ahwa. Anna u l-genituri taghha lili tawni dak li qatt ma kont ircevejt mid-dar tal-genituri tieghi – attenzjoni. Din ghenitni hafna f'hajti pero' rrealizzajt li jiena ma xtaqtx nibqa' nghix ma' persuna li kont inqisha bhala ohti, aktar milli bhala marti.*

*Qabel iz-zwieg, jiena u Anna qatt ma tkellimna dwar x'ridna f'hajjitna u la qatt ma ppjanajna l-familja tant li t-tifla kienet 'honeymoon baby'. Dak iz-zmien jiena zzewwigt aktar b'sens ta' pika mal-familja tieghi u ghax kont komdu wisq fi hdan il-familja t'Anna".*

## <u>(ii) PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fis-27 ta' Settembru 1987 ghandu jigi dikjarat null u bla effett *stante* li hija qed tallega li (a) l-

kunsens taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, (b) li l-kunsens tal-attrici nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. L-**artikolu 19 (1) (g) tal-Kap 255** imsemmi fic-citazzjoni attrici jidher li huwa frott ta' zball stenografiku u allura din il-Qorti lanqas biss ser tidhol fih ghaliex ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz in ezami.

Illi dawn il-premessi fuq ciatati huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` **l-Att dwar iz-Zwieg.**

Illi dan l-artikolu jghid illi:-

*"19. (1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';*

*(b) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra;*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li* **taghmilha** *mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(e) jekk xi wahda mill-partijiet tkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed*

*jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;*

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohhha, ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg".*

*"(2) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, azzjoni ghall-annullament ta' zwieg tista' tinbeda biss minn wahda mill-partijiet f' dak iz-zwieg, u din id-dispozizzjoni tapplika wkoll jekk dik il-parti tkun inkapaci, taht xi dispozizzjoni ta' ligi, li tharrek jew tigi mharrka, u f' xi kaz bhal dan l-azzjoni tista' tinbeda minn dik il-parti minkejja dik l-inkapacita`, bla hsara ghall-ghajnuna jew kundizzjoni ohra li l-Qorti jidhrilha xierqa u tordna. Meta azzjoni tkun inbdiet minn parti fi zwieg, l-azzjoni tista' titkompla minn kull wiehed mill-werrieta".*

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenut huwa kontumaci xorta wahda din il-Qorti hi obbligata li tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat mill-attur jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Iz-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabbilita` socjali; zwieg debitament registrat skond id-dispozizzjonijiet relattivi tal-**Kodici Civili** hu presunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u anke li kieku hawn *si tratta* ta' ammissjoni ghal kollox u bla ebda kundizzjoni tat-talba attrici (**Art. 158 (2) Kap 12**) din il-Qorti ma tkunx ezonorata f'kaz ta' kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (**"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** – P.A. (VDG) - 3 ta' Ottubru 1995 -Cit. Nru. 1264/94).

Illi dwar l-ewwel difett l-attrici qed tikkontendi li kellha meta kkuntratt iz-zwieg mal-konvenut, kif inghad dan huwa dak li hemm provdut fl-**artikolu 19 (1)(d)** u cioe`:-

*“19. (1) B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”.*

Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f’ dan is-sens **“Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana”** – P.A. (VDG) deciza fil-25 ta’ Mejju 1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni***:-

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia “foedus” … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una “servitus” per tutta la vita”* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gja’ nghad, b’immaturita` jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *“non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco*

*perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* (***Pompedda, M.F.,*** **Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* (***Bersini, F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello*

*richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e*

*reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei riguardi della prole"* (***Pompedda, M.F.,*** **Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095[3])** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere"*. *"L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale"*, jghid ***Bersini***, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la*

*discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso".* (*op. Cit*., p. 99).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J.,*** *op. Cit., p. 687*).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivamenf eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-

veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech" (**P.A.14 ta' Awissu1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Theuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti il-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-

obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg.

Illi ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A.(NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied".* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubbilta' taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (*op.cit* p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on*

*marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns***, fii-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, **Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary.** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract".*

**(iii) APPREZZAMENT TAL-POVI.**

Illi mill-provi prodotti, li gew aktar il-fuq fedelment riprodotti f'din is-sentenza jirrizulta li l-partijiet kien zghar hafna meta zzewgu, tant li meta l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut hija kellha biss (14) erbatax-il sena u zzewget lill-konvenut meta kellha (18) tmintax-il sena, u dan wara li l-konvenut kien sar midhla sew tad-dar tal-genituri tal-attrici, l-aktar minhabba l-fatt li peress li l-genituri tieghu kienu oggezzjonaw ghar-relazzjoni li kellu mal-attrici, il-konvenut kien fittex li minhabba l-inkwiet li din is-sitwazzjoni holqitlu, huwa beda jiddistanzja ruhu minnhom, tant li telaq mid-dar u beda jghix ghar-rasu, izda spiss u kwazi kuljum baqa' jmur ghand il-genituri tal-attrici, li beda jistmahom qishom il-genituri.

Illi f'dan l-isfond l-partijiet iddecidew li jizzewgu, izda dak li wassal il-partijiet jaghmlu dan kien sabiex jevitaw l-iskarigg li l-konvenut kellu wara x-xoghol, fejn mid-dar tal-genituri tal-attrici kellu jmur fejn kien qed joqghod, izda dak li huwa relevantissimu ghas-soluzzjoni tal-kwezit odjern, huwa l-fatt li minn kliem il-konvenut jidher car li huwa zzewweg lill-attrici b'sens ta' pika mal-genituri tieghu, peress li aktar ma dawn oggezzjonaw ghall-unjoni tieghu mal-attrici, aktar il-konvenut kien deciz sabiex jisfidahom u jizzewweg lill-persuna li huma jidher li tant opponew ghar-ragunijiet trivjali izda li sfortunatament ghadhom jezistu f'dawn iz-zminijiet u pajjiz.

Illi minn dan kollu din il-Qorti hija konvinta li mill-provi prodotti gie stabbilit li l-partijiet kienu mmaturi sew fil-mument li huma taw il-kunsens lil xulxin, u lanqas kieku riedu ma setghu jaghtu l-kunsens validu u necessarju taz-zwieg, u dan ghaliex fl-opinjoni tal-Qorti, fic-cirkostanzi kif graw l-istess partijiet kienu qed jaghtu mportanza zejda fuq konsisderazzjoni trivjali bhad-distanza li l-konvenut kellu kwazi ta' kuljum jaghmel sabiex imur lura fil-fond fejn kien qed jabita wahdu. Dan qed jissemma' *stante* li ghall-istess partijiet din kienet wahda mill-konsiderazzjoni vitali u li l-konjugi kkonsidraw biex ipperswadew ruhhom li huma kellhom jizzewgu.

Illi dan fl-isfond tal-fatti esposti quddiem din il-Qorti u cjoe' li l-attrici u l-konvenut kienu kwazi qed jghixu bhala parti mill-familja tal-attrici, anke minhabba d-dizgid li l-konvenut kellu mal-genituri tieghu propju dwar ir-relazzjoni li huwa kellu mal-attrici, kompla ghamel id-decizjoni tal-partjiet li jizzewgu aktar vizzjata, *stante* li dak li l-partijiet kienu qed iharsu lejh kien biss il-fatt ta' konvenjenza li huma jingabru flimkien taht l-istess saqaf minghajr skariggi zejda, u f'dan il-kaz dan huwa aktar accentwat mill-fatt li donnu l-konvenut fl-erba' (4) snin li dam mal-attrici qabel iz-zwieg, kien sar qisu parti mill-familja tal-istess attrici, tant li ddiskrevew ruhhom, bhalma ghamlet ix-xhud prodotta, bhala ahwa.

Illi dan kollu huwa ferm 'il boghod mir-rekwiziti ta' kunsens necessarju ghall-validita' taz-zwieg, li kollu huwa marbut ghar-relazzjoni ta' tnejn min-nies tas-sess oppost li jikkomettu ruhhom ghal dejjem ghall-hajja komuni, u dan is-sentiment huwa mibni fuq ix-xewqa ta' kull parti li konxja tal-fatt li huma zewg persuni distinti minn xulxin, xorta wahda jkun jridu verament jaghmlu parti mill-hajja taghhom flimkien f'kollox b'dan li in verita' dak li huwa nukleju wiehed u unika tas-socjeta' jifhem u jaccetta li jkun irid jew tkun trid li ssir haga wahda mal-parti l-ohra f'kollox, b'dan li z-zewg persuni jinbidlu u jikkomettu ruhhom li joholqu rabta dejjiema f'familja, u dan dejjem sforz l-imhabba li l-istess partijiet ikollhom ghal xulxin.

Illi certament dan ma kienx il-kaz f'dan iz-zwieg, izda z-zwieg odjern kien trattat miz-zewg nahat bhala vejikolu ta' konvenjenza ghall-hajja li huma kienu ghaddejjin fiha, accentwat anke mill-fatt li qabel iz-zwieg il-partijiet kienu qishom gja' qed jghixu flimkien bhala estenzjoni tal-familja tal-attrici f'relazzjoni aktar ta' ahwa milli ta' namrati. Izda jidher li dan ma kienx biss l-unika difett fil-kunsens moghti mill-partijiet li juri nuqqas ta' deskrizzjoni fuq il-hajja mizzewga verament serja minn kull parti f'dan il-kaz, *stante* li juri u jindika li l-istess partijiet kienu qed jaraw l-affarijiet litteralment ta' tfal, izda f'dan il-kaz jidher li dak li mbotta lill-konvenut li jiehu din id-decizjoni serja kien il-fatt li huwa ried jisfida lill-genituri tieghu talli opponew li huwa jkollu relazzjoni mal-attrici, u allura anke biex jaghtihom risposta ddecida li jizzewweg lill-attrici f'qasir zmien.

Illi dan certament juri li l-konvenut lanqas biss kien jaf x'qed jaghmel u certament ma' kellux u ma seta' jkollu qatt f'dak il-perjodu ta' hajtu d-diskrezzjoni necessarja sabiex jirrefletti sew u bis-serjeta' d-debita kawtela sabiex jaghmel dan il-*commitment* ma' mara li kellha tkun martu ghall-ghomru. Anzi jidher li din id-decizjoni kienet animata mill-konvenut ghar-ragunijiet li huma ghal kollox estranji kemm mill-persuna tal-attrici, hlief li din kienet l-oggett tal-oppozizzjoni tal-genituri tieghu ghar-relazzjoni li huwa kellu maghha, kif ukoll minn dawk li huma l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li l-emozzjoni li tispikka f'dan l-kaz ma kienitx affattu l-imhabba u r-rispett li l-konvenut kien ihoss lejn l-attrici bhala mara, izda s-sens ta' sfida li l-konvenut kellu lejn il-genituri tieghu, li wasslitu li akkost ta' kollox jaghmel proprju dik il-haga li l-genituri tant opponew ghaliha.

Illi f'dan il-kaz, u almenu mill-provi prodotti quddiemha, wiehed ma jistax jitkellem dwar oppozizzjoni li saret mill-genituri li kienet biss superficjali bil-mod kif dawn espremewha, izda jidher li kienet wahda konstanti u serja, tant li l-konvenut ipprefera li ma jibqax jabita mal-genituri tieghu u ta' eta' ferm zghir mar jghix ghal rasu. Ovvjament dan jirrifetti b'mod negattiv hafna fuq il-genituri tal-konvenut, u certament li dan id-dizgwid kollu wassal lill-konvenut sabiex jizzewweg lill-attrici ghar-ragunijiet hafna

’l boghod minn dawk tenuti bhala essenzjali ghall-kunsens validu u liberu taz-zwieg, tant li jista’ jinghad li l-konvenut kien inkapaci deskrezzjonalment li jifhem u jikkoncepi l-elementi essenzjali taz-zwieg u allura wisq anqas kien hemm l-possibbilta’ li huwa jaccetta u jikkometti ruhu ghall-istess kuncett ta’ zwieg veru u proprju bejn mara u ragel, u allura dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li abbazi tal-provi prodotti t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha ghar-ragunijiet imputtabbli liz-zewg partijiet b’dan li l-kunsens rispettiv taghhom kien ivvizjat skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi *invece* mill-provi prodotti ma jidhirx li dak kontenut fl-**artikolu 19 (1) (f)** ghandu rilevanza ghall-kaz odjern, ghalkemm f’dan l-istadju din hija biss konsiderazzjoni akkademika, u ghalhekk it-talba attrici hekk ibbazata qed tigi michuda.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti thoss li t-talba attrici ghandha tigi milqugha biss abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fis-27 ta’ Settembru 1987 huwa null u bla effett u dan abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez kollha tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------